Nru./No. 18,395
Prezz/Price
€4.10

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2009
Friday, 27th March, 2009

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 2773 - 2777
Government Notices ..... *2773 - 2777*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 2777 - 2789
Employment Opportunities ..... *2777 - 2789*

Avviżi tal-Gvern ..... 2789 - 2795
Notices ..... *2789 - 2795*

Offerti ..... 2796 - 2834
Tenders ..... *2796 - 2834*

Avviżi tal-Qorti ..... 2835 - 2856
Court Notices ..... *2835 - 2856*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 238

BORD TA' APPELL DWAR L-IPPJANAR (KAP. 356)

President Ad Hoc tal-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar

SKONT l-artikolu 14 (3) tal-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp tal-Liġijiet ta' Malta, il-President ta' Malta aċċetta r-riżenja ta' Dott. Raymond Zammit, LL.D., mill-kariga ta' President Ad Hoc tal-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar u ħatar lil Dott. Robert Mangion, LL.D., biex jippresjedi, fuq bażi ad hoc, bħala President tal-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar b'seħħ mill-20 ta' Marzu 2009.

Is-27 ta' Marzu, 2009

Nru. 239

ĦATRA U FUNZJONIJIET TA' DIRETTUR

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizzi Pubbliku, ħatar lis-Sur Vincent Gilson bħala Direttur (Uffiċċju Konġunt) fid-Diviżjoni tal-Proprjetà tal-Gvern fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, b'seħħ mis-16 ta' Marzu, 2009.

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi s-Sur Vincent Gilson se jassumi wkoll id-dmirijiet u l-funzjonijiet ta' Uffiċjal inkarigat mill-Uffiċċju Konġunt b'seħħ mill-istess data.

L-24 ta' Marzu, 2009

Nru. 240

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Ri-introduzzjoni Temporanja ta' Kontrolli fil-Fruntieri tal-Ġermanja

IL-MINISTERU tal-Ġustizzja u l-Intern jgħarraf lil dawk il-persuni li se jivjaġġaw lejn il-Ġermanja li l-kontrolli mal-fruntieri se jkunu ri-introdotti b'mod temporanju għall-ivjaġġar bl-art, bil-baħar kif ukoll bl-ajru. Il-kontrolli ġew ri-introdotti mill-awtoritajiet tal-Gvern Federali Ġermaniż għall-perjodu bejn l-20 ta' Marzu u l-5 ta' April 2009.

Il-kontrolli tal-fruntieri ġew ri-introdotti minħabba s-*summit* tan-NATO li se jsir fit-3 u fl-4 ta' April 2009. Ir-ri-introduzzjoni ta' dawn il-kontrolli hija skont il-provvedimenti tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru. 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) tal-15 ta' Marzu 2006.

Is-27 ta' Marzu, 2009

GOVERNMENT NOTICES

No. 238

PLANNING APPEALS BOARD (CAP. 356)

Ad Hoc Chairperson of the Planning Appeals Board

IN terms of article 14 (3) of the Development Planning Act, the President of Malta has accepted the resignation of Dr Raymond Zammit, LL.D., from the office of Ad Hoc Chairperson of the Planning Appeals Board and has appointed Dr Robert Mangion, LL.D., to sit, on an ad hoc basis, as Chairperson of the Planning Appeals Board with effect from 20th March 2009.

27th March, 2009

No. 239

APPOINTMENT AND FUNCTIONS OF DIRECTOR

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Mr Vincent Gilson as Director (Joint Office) within the Government Property Division in the Ministry of Finance, the Economy and Investment, with effect from the 16th March, 2009.

It is hereby notified for general information that Mr Vincent Gilson will also assume the duties and functions of Officer in Charge of the Joint Office with effect from the same date.

24th March, 2009

No. 240

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Temporary Reintroduction of Border Checks at Germany's Borders

THE Ministry for Justice and Home Affairs is hereby notifying members of the public travelling to Germany that border controls at land, sea and air borders will be temporarily reintroduced by the German Federal Government for the period 20th March to 5th April 2009.

The border checks will be carried out by the German authorities in view of the NATO summit, which will take place on 3rd and 4th April 2009. The reintroduction of border checks is in accordance with the provisions of Article 23(1) of Regulation (EC) No. 562/2006 of the European Parliament and the Council (Schengen Borders Code) of 15th March 2006.

27th March, 2009

Nru. 241

ATT DWAR IS-SIGUREZZA TAL-PRODOTTI
(KAP. 427)

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 15 tal-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti, l-Awtorità Maltija dwar l-*Istandards*, permezz tal-Kap tad-Direttorat tas-Sorveljanza fuq is-Suq qed tiġbed l-attenzjoni tal-produtturi, distributuri, importaturi u ħwienet tal-prodotti li huma intenzjonati għall-konsumaturi u li fihom Dimethylfumarate (DMF) fejn jew:

(i) il-preżenza ta' DMF tkun iddikjarata, bħal fuq borża żgħira waħda jew aktar, jew
(ii) il-konċentrazzjoni ta' DMF hija ogħla minn 0.1 mg/kg tal-piż tal-prodott jew parti mill-prodott

tirrapreżenta riskju ta' saħħa u sigurtà għall-konsumaturi.

Prodotti intenzjonati għall-konsumatur li fihom DMF kif deskritt hawn fuq huma pprojbiti mil-jiġu mqiegħda fuq is-suq jew offruti fuq is-suq mill-1 ta' Mejju 2009. Prodotti li ma jkunux konformi ma' din in-Notifikazzjoni tal-Gvern jitneħħew minn fuq is-suq u d-Direttorat tas-Sorveljanza fuq is-Suq jkun jista' jieħu passi legali bis-saħħa tal-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti**.**

Din in-Notifikazzjoni tal-gvern qed tinħareġ bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/251/KE tas-17 ta' Marzu, 2009

Kull min għandu bżonn ta' iktar informazzjoni fuq dan jista' jikkuntattja lill-Awtorità Maltija dwar l-*Istandards* (Tel: 23952000 jew *email*: helpdesk.msa@msa.org.mt). Aktar informazzjoni fuq id-Deċizjoni tal-Kummissjoni tinsab fuq OJ L 74/32 20.3.2009.

Is-27 ta' Marzu, 2009

No. 241

PRODUCT SAFETY ACT
(CAP. 427)

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by article 15 of the Product Safety Act, the Malta Standards Authority through the Head of Market Surveillance Directorate is bringing to the attention of producers, distributors, importers and shops that products intended for consumers and containing Dimethylfumarate (DMF) where either:

(i) the presence of DMF is declared, such as on one or more pouches, or
(ii) the concentration of DMF is greater than 0.1 mg/kg of the weight of the product or part of the product

present a health and safety risk to consumers.

Products intended for consumers which contain DMF as described above shall be prohibited from being placed or made available on the market as from 1 st May 2009. Any such products which do not conform to this government notice will be withdrawn from the market and legal action may be pursued by the Market Surveillance Directorate by virtue of the Product Safety Act after 1st May 2009.

This government notice is being issued by virtue of Commission Decision 2009/251/EC of the 17th March 2009.

Any person who requires further information or has any queries on this issue may contact the Malta Standards Authority (tel: 23952000 or email: helpdesk.msa@msa.org.mt). Further information as regards the Commission's Decision is on OJ L 74/32 20.3.2009.

27th March, 2009

Nru. 242

ATT DWAR IL-KWARANTINA TAL-PJANTI
(KAP. 433)

Miżuri ta' Kontinġenza li qed jiġu Implimentati fuq iż-Żoni ta' San Blas u Daħlet Qorrot sabiex jiġi kkontrollat il-Virus tat-Tristeza taċ-Ċitru - Citrus Tristeza Virus CTV

B'RIFERENZA għal Taqsima V (Trażżin u Eradikazzjoni ta' Organiżmi li jagħmlu Ħsara lill-Pjanti) Artikolu 20 (1) tal-Att, id-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali jiddikjara illi:

1. L-akkwati ta' San Blas u Daħlet Qorrot f'Għawdex qed jitqiegħdu taħt miżuri ta' kontinġenza minħabba l-ammont ta' siġar li ġew ikkonfermati infettati bil-Virus tat-Tristeza taċ-Ċitru Citrus Tristeza Virus (CTV) Dan il-virus qerriedi huwa ta' theddida għaċ-ċitru tal-Gżejjer Maltin.

No. 242

PLANT QUARANTINE ACT
(CAP. 433)

Contingency Measures laid down on the Areas of San Blas Valley and Daħlet Qorrot Valley in Gozo for the control of *Citrus Tristeza Virus (CTV)*

With reference to Part V (Containment and Eradication of Plant Pests), Article 20 (1) of the Act, the Plant Health Department within the Ministry for Resources and Rural Affairs notifies that:

1. The areas of San Blas Valley and Daħlet Qorrot Valley in Gozo are being put under contingency measures due to a number of citrus trees confirmed infected with Citrus Tristeza Virus (CTV).

2. Is-siġar infettati qed jiġu mmarkati b'marka ta' identifikazzjoni minn uffiċjali tad-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti sabiex dawn jinqerdu.

3. Persuni f'pussess ta' siġar infettati bis-CTV se jiġu infurmati bil-miktub bil-ġurnata meta dawn is-siġar għandhom jinqerdu bid-data u l-ħin.

4. Dawn is-siġar għandhom jinqerdu mis-sid fid-data mogħtija mid-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti fil-preżenza ta' Spetturi mit-Taqsima tal-Ispettorat u Sorveljanza għas-Saħħa tal-Pjanti, billi jinqalgħu mill-għeruq, jitqattgħu biċċiet u jinħarqu fuq il-post.

5. Kwalunkwe persuna, entità, awtorità jew entità legali responsabbli mill-propjetà fejn jinsabu s-siġar infettati, jistgħu jistaqsu fil-Fergħa tal-Agrikoltura, Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex jingħataw għajnuna sabiex jinqerdu s-siġar. Din it-talba trid tasal għand id-Dipartiment mhux aktar tard minn ħamest ijiem mid-data li tasal in-notifika tal-qlugħ tas-siġar.

6. Kwalunkwe persuna, entità, awtorità jew entità legali responsabbli mill-propjetà fejn jinsabu s-siġar infettati, għandhom javżaw lid-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti jekk għandhomx aktar siġar taċ-ċitru fil-pussess tagħhom kemm jekk dawn jinsabu fl-akkwati taħt kontinġenza kif ukoll barra minn dawn l-akkwati msemmija.

7. Il-persuni kollha li għandhom siġar taċ-ċitru fl-akkwati taħt kontinġenza għandhom jimmonitorjaw l-afidi skont linji gwida maħruġa mid-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti sabiex japplikaw il-bexx meta dan ikun meħtieġ, sabiex tiġi kkontrollata l-firxa ta' dan il-virus permezz ta' insetti.

8. Il-bexx użat għandu jkun irreġistrat biex tintuża fuq iċ-ċitru fil-gżejjer Maltin.

9. Il-persuni kollha li għandom siġar taċ-ċitru fl-akkwati taħt kontinġenza huma fl-obbligu li jaqtgħu l-frott mingħajr weraq u zkuk biex tiġi evitata l-firxa ta' insetti li jistgħu jmexxu din il-marda virali.

10. Id-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti se jibqa' jistħarreġ dawn l-akkwati għal din il-marda virali għal perjodu ta' mhux anqas minn tliet snin sabiex jiġi aċċertat li ma fadalx siġar morda.

11. Id-Direttur jista' joħroġ miżuri aktar stretti minn dawn imsemmija sabiex tiġi evitata l-firxa tal-virus tat-Tristeza taċ-Ċitru.

12. Il-miżuri msemmija hawn fuq huma skont l-Avviż Legali 97 tal-2004 (Regoli dwar il-Kwarantina tal-Pjanti – Organiżmi ta' Ħsara, 2004 u l-Avviż Legali 12/2001 Regoli dwar il-Ħarsien ta' Siġar u Msaġar, 2004.

Is-27 ta' Marzu, 2009

2. Infected trees are to be marked by an identification mark made by officials from the Plant Health Department so that the trees are then destroyed.

3. Persons possessing CTV infected trees should be informed in writing by the Plant Health Department when these trees are to be destroyed.

4. The infected trees must be destroyed by their owners on the date given by the Plant Health Department in the presence of Inspectors from the Surveillance and Inspectorate unit of the Plant Health Department by uprooting, cutting them into pieces and burning in a chosen place within the area of cultivation .

5. Any person, entity, authority or any other legal entity which is responsible for the property where infected trees are situated may request for assistance in the destruction by informing the Agriculture Section, Department for Projects and Developments within the Ministry of Gozo, by not later than 5 working days from receipt of the notification of the date of destruction.

6. Any person, entity, authority or any other legal entity which is responsible for the property where infected trees are situated are obliged to inform the Plant Health Department of any other citrus trees in their possession inside and outside these areas under contingency.

7. These persons are to periodically apply plant protection products to control aphids on all citrus trees in their possession within the areas under contingency in order to minimise the risk of spreading the infection. These are obliged to follow guidelines which the Plant Health Department may, from time to time, deem necessary to issue.

8. Plant Protection products used for the control of aphids must be registered for use on citrus in the Maltese Islands

9. Persons in possession of infected trees must ensure that produce harvested from these trees are circulated with no leaves and peduncles.

10. The Plant Health Department shall survey the areas under contingency measures for a period of up 3 years to ascertain that no more infected trees are present.

11. The Director may issue additional and stricter guidelines, as may be required, and which are conducive to preventing the spread of this virus.

12. The above measures are without prejudice to Legal Notice 97 of 2004 (Plant Quarantine Regulations – Harmful Organisms), 2004 and LN 12/2001 Trees and Woodlands (Protection) Regulations, 2001.

27th March, 2009

Nru. 243

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR/REĠISTRATUR QRATI KRIMINALI U TRIBUNALI KRIMINALI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 243

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR/ REGISTRAR CRIMINAL COURTS AND CRIMINAL TRIBUNALS

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and Home Affairs has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Aldo Testone	Aġent Direttur/Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali Kriminali *Acting Director/Registrar Criminal Courts and Criminal Tribunals*	Qrati tal-Ġustizzja *Courts of Justice*	8 - 15.4.2009

Is-27 ta' Marzu, 2009

27th March, 2009

Nru. 244

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Timothy Ellis bħala Nutar Delegat/Konservatur tal-Atti tan-Nutar Daniela Borg, sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mid-19 ta' Marzu, 2009 sal-24 ta' Marzu, 2009.

Illum, 24 ta' Marzu, 2009.

PAUL X. SAMMUT
B.Psych, PGDPS, Hon. Dip. Litt.
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali Ċivili

No. 244

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

It is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Timothy Ellis to be Notary Delegate/ Keeper of the Acts for Notary Daniela Borg, during the latter's absence from these Islands from the 19th March, 2009 till the 24th March, 2009.

This day, 24th of March, 2009.

PAUL X. SAMMUT
B.Psych, PGDPS, Hon. Dip. Litt.
For the Registrar Civil Courts and Civil Tribunals

Nru. 245

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar

No. 245

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

It is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial

Daniela Borg bħala Nutar Delegat/Konservatur tal-Atti tan-Nutar Timothy Ellis, sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mill-4 ta' Marzu, 2009 sal-11 ta' Marzu, 2009.

Illum, 17 ta' Marzu, 2009.

PAUL X. SAMMUT
B.Psych, PGDPS, Hon. Dip. Litt.
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali Ċivili

Acts has appointed Notary Daniela Borg to be Notary Delegate/Keeper of the Acts for Notary Timothy Ellis during the latter's absence from these Islands from the 4th March, 2009 till the 11th March, 2009.

This day, 17th of March, 2009.

PAUL X. SAMMUT
B.Psych, PGDPS, Hon. Dip. Litt.
For the Registrar Civil Courts and Civil Tribunals

Nru. 246

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

No. 246

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
27. 03. 09	€22.162	€0.339

Is-27 ta' Marzu, 2009

27th March, 2009

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI, KULTURA, ŻGĦAŻAGĦ U SPORT

Ingaġġ ta' *Casual Substitute Clerks* b'Kuntratt Definit

(Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil)

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, jilqa' applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' *Casual Substitute Clerks* b'kuntratt definit sa massimu ta' sena. Kandidati magħżula ser jaqdu dmirijiethom, kif hemm bżonnhom fid-Dipartimenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport.

2. L-ingaġġ jaqa' taħt ir-Regolament 7(4)(a) tal-LN 51/2007 imsemmi *Contracts of Service for a Fixed Term Regulations, 2007*, minflok mir-Regolament 3(b)(4)(a) tal-LN 239/2008.

MINISTRY OF EDUCATION, CULTURE, YOUTH AND SPORT

Engagement of Casual Substitutes Clerks on a Definite Contract

(In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender)

The Permanent Secretary, Ministry of Education, Culture, Youth and Sport, invites applications for the engagement of Casual Substitutes Clerks on definite contract for a maximum period of one year. The selected candidates will be posted as necessary in the various Departments within the Ministry of Education, Culture, Youth & Sport.

2. This engagement falls under Regulation 7(4)(a) of LN 51/2007 entitled Contracts of Service for a Fixed Term Regulations, 2007, as superseded by Regulation 3(b)(4)(a) of LN 239/2008.

3. Is-salarju ta' *Casual Substitute Clerk* ikun bir-rata ta' €10,373 fis-sena li jitħallsu kull erba' ġimgħat fit-13 –il pagament ugwali, jiġifieri, il-minimu ta' l-iskala tas-salarju tal-grad ta' *Clerk*.

4. *Casual Substitute Clerks* jistgħu jaħdmu fuq bażi ta' *full time* jew ta' *part-time* għal għoxrin (20) jew tletin (30) siegħa fil-ġimgħa u jitħallsu *pro-rata*. Jekk ma jkunux qed jaħdmu fuq bażi ta' *full time*, ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet taċ-Ċirkolari ta' l-M.P.O 50/96 u Avviż Legali 61/96 dwar *vacation leave* jew *sick leave* bi ħlas.

5. Persuna fil-grad ta' *Casual Substitute Clerk* tkun minflok impjegat li diġa' qed jaħdem fuq bażi *full time* u li jkun fuq *leave* twil bi ħlas jew bla ħlas u meta l-imsemmi uffiċjal pubbliku jerġa' jidħol lura għax-xogħol, ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

6. Il-kuntratt jista' jiġi terminat mis-Segretarju Permanenti jew mill-*Casual Substitute Clerk* f'kull żmien billi jingħata avviż bil-miktub xahar qabel jew billi titħallas is-somma ta' ġimgħatejn paga.

7. Casual Substitute Clerks ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern.

8. Id-dmirijiet ta' *Casual Substitute Clerk* huma dawk kif elenkati u spjegati fl-*Appendix C* ta' l-*Agreement on the Classification, Assimilation and Regrading of the General Service Grades*.

9. Applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

jew

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikulta' l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

jew

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Expatriates, Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

3. The salary of a Casual Substitute Clerk will be at the rate of €10,373 per annum, paid in thirteen-four weekly payments, that is, the minimum of the salary scale of the grade of Clerk.

4. Casual Substitute Clerks may work on a full-time basis or on part-time basis for 20 or 30 hours per week and paid pro-rata. If not working full time, the provisions of M.P.O Circular 50/96 and Legal Notice 61/96 regarding paid vacation or sick leave will apply.

5. Casual Substitute Clerk will replace an already existing full-time employee on long paid or unpaid leave and when the said Public Officer returns to work, the Casual Substitute Clerk will have his/her contract terminated.

6. The contract may be terminated by the Permanent Secretary or by the Casual Substitute clerk at any time on one month's notice in writing or on payment of two week's salary.

7. Casual Substitute Clerks will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Government employees.

8. The duties of a Casual Substitute Clerk are those listed and explained in Appendix C of the Agreement on the Classification, Assimilation and Regrading of the General Service Grades.

9. Applicants must be:-

a) (i) Citizens of Malta;

or

(ii) Citizens of another European Union Member State;

or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u legiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża.

(c) ikollhom ċertifikat tal-GCE/Matsec f'ħames suġġetti fil-livell Ordinarju li jkunu jinkludu l-Lingwa Ingliża, il-Malti u l-Matematika. Kunsiderazzjoni speċjali tingħata lil min hu midħla tal-komputer.

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data tal-għeluq ta' l-applikazzjoni għandu jintehmeż ma' l-applikazzjoni.

10. (a) Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

(b) Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (eskluż kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknologija, l-Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żagħżagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorita' pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispozizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

11. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilita' (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli skont Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post/pożizzjoni fl-essenza tagħhom,

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages.

(c) in possession of at least five GCE/Matsec passes at Ordinary level which must include English Language, Maltese and Mathematics. Special consideration will be given to those who are computer literate.

(d) of good moral character (a Police certificate conduct issued within six months prior to the closing date of applications should be provided);

10. (a) Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with the applications, originals to be produced for verification at the interview).

(b) It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage), to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

11. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post/position provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management

u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Mangement and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

12. Bord ta' l-għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

13. L-applikanti li jgħaddu jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għall-post.

14. L-ordni tal-meritu ma tibqax valida wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat tal-intervista.

15. Il-formoli ta' l-applikazzjoni (dawk biss li jintlaqgħu) jistgħu jinkisbu mill-*Customer Care,* Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, il-Furjana jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

16. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, fil-*Customer Care,* Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, il-Furjana jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ħamis 9 ta' April 2009.

17. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data tal-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand il-Ministeru mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tal-Ministeru riċeventi huwa 21225630.

18. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sal-Ministeru. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għadhom ikun rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-27 ta' Marzu, 2009

and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

12. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

13. Successful applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

14. The validity of the order of merit obtained in the interview will expire after two years from the publication of the result.

15. Application forms (the only admissable) will be obtained from the Customer Care, Ministry of Education, Culture, Youth and Sport, Floriana or from the Education Office, Victoria, Gozo.

16. Applications will be received in the first instance by the Director General, at the Customer Care, Ministry of Education, Culture, Youth and Sport, Floriana or from the Education Office, Victoria, Gozo by not later than noon of Thursday 9th April 2009.

17. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Ministry by not later that one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Ministry is 21225630.

18. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Ministry and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Ministry within seven days.

27th March, 2009

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Pożizzjonijiet ta' Assistent Ġudizzjarju *Part-Time*

Jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni li jixtiequ jaħdmu ta' Assistenti Ġudizzjarji fuq bażi *part-time* fil-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta.

2. Assistenti Ġudizzjarji maħtura fuq bażi *part-time* jitħallsu €5,590 fis-sena, iżda r-rata sħiħa ta' ħlas tkun suġġetta għal prestazzjoni sodisfaċenti kif ċertifikata mill-Imħallef jew Maġistrat li jippresiedi. Fin-nuqqas ta' dan iċ-ċertifikat, ir-rata ta' remunerazzjoni titnaqqas bin-nofs.

3. Assistenti Ġudizzjarji maħtura fuq bażi *part-time* jitħallew jeżerċitaw il-professjoni tagħhom privatament iżda jkunu meħtieġa li jiddedikaw 20 siegħa fil-ġimgħa għas-servizz tal-kariga tagħhom. Ir-regoli u regolamenti li jiggvernaw minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kemm-il darba dawn ikunu kompatibbli ma' din il-ħatra, għandhom japplikaw għal persuni nominati.

4. Il-pożizzjoni ta' Assistent Ġudizzjarju hija meqjusa bħala *office of trust*, minħabba li f'ċerti ċirkustanzi l-persuni magħżula jridu jaġixxu fi rwol ġudizzjarju taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tal-Imħallef u tal-Maġistrat, u għaldaqstant dawn irid ikollhom il-fiduċja sħiħa tal-Imħallef u tal-Maġistrat.

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet l-applikanti għandhom:

a) ikunu ċittadini ta' Malta;

b) ikollhom *warrant* biex jipprattikaw bħala Avukati fil-Qrati Superjuri ta' Malta;

ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.2 Esperjenza fl-awla tkun ta' vantaġġ għall-applikanti iżda mhix neċċessarja.

5.3 Id-dmirijiet ta' Assistenti Gudizzjarji huma dawk elenkati fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili, fir-Regoli tal-Qorti u f'leġiżlazzjoni oħra. L-Assistenti Ġudizzjarji jkunu jridu jagħmlu *pre-trial hearings*.

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Positions of Part-Time Judicial Assistant

Applications are invited from persons who wish to act as Judicial Assistants on a part-time basis at the Courts of Justice, Malta.

2. Judicial Assistants appointed on a part-time basis will be remunerated at €5,590 per annum, but this will be subject to satisfactory performance as certified by the presiding Judge or Magistrate. In the absence of such certification the rate of remuneration shall be reduced by half.

3. Judicial Assistants appointed on a part-time basis will be allowed the private practice of their profession, but will be required to dedicate 20 hours per week to the service of their position. Rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service will, to the extent that they are not incompatible with this appointment, be applicable to such appointees.

4. The position of Judicial Assistant is regarded as an office of trust because the incumbents will, in given circumstances, be acting in a judicial role under the supervision and direction of a Judge or Magistrate, and must therefore enjoy the full trust and confidence of that Judge or Magistrate

5.1 By the closing date and time of this call for applications, candidates must be:-

a) citizens of Malta;

b) in possession of a warrant to practice as an Advocate in the Superior Courts of Malta;

c) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent Certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Malta Government Service, giving details).

5.2 Experience at the bar before the Superior Courts will be an advantage but is not essential.

5.3 The duties of Judicial Assistants shall be those as may from time to time be stipulated in the Code of Organization and Civil Procedure, in the Rules of Court and in other legislation. In particular it is envisaged that Judicial Assistants will eventually be required to conduct pre-trial hearings.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office*.

6.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eligibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal *interview* minn Bord tal-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dawn il-pożizzjonijiet.

7.2 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta.

8. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqgħodu għall-eżami mediku biex jiġu assigurat li huma adattati għal dawn il-pożizzjonijiet.

9.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

9.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

9.3 Hija r-responsabiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijietedukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Insitute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Centru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorita` kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

7.2 The result of the interviews will be exhibited on the notice board of the Courts of Justice, Republic Street, Valletta.

8. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

9.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

9.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

9.3 It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage) to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10. Formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn is-siti:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand id-Direttur Ġenerali, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta.

11. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' kopja fotostatika tal-Karta tal-Identità jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta, sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' April, 2009.

12. L-applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' April, 2009 jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur Ġenerali, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq, flimkien ma spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tal-Uffiċċju huwa +356-21240458).

13.(a) Tingħata rċevuta minnufih ghal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikuni reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi sad-data tal-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-27 ta' Marzu, 2009

Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

10. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director General, Courts of Justice, Republic Street, Valletta.

11. Applications together with a copy of the Identity Card will be received in the first instance by the Director General, Courts of Justice, Republic Street, Valletta by noon (Central European Time) of Friday, 17th April, 2009**.**

12. Applications received from abroad through fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 17th April, 2009 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director General, Courts of Justice, Republic Street, Valletta, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay (The fax number +356 21240458).

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta and a receipt given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery to abovementioned address by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director General, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta within seven (7) days.

27th March, 2009

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' *Construction Supervising Architect*
Proġett: ERDF 017

L-Università tinħtieġ timpjega fuq bażi *full-time* ta' *Construction Supervising Architect*, għal perjodu definit tat-tlett snin. Ix-xogħol jinvolvi primarjament il-ħarsien tal-implimentazzjoni tal-Proġett iffinzjat mill-ERDF (Ref. ERDF 017).

2. Min jinħatar irid ikollu il-*warrant* biex jaħdem bħala perit u inġinier ċivili.

L-Università ta' Malta hija *Equal Opporunity Employer*.

3. Is-salarju marbut ma' dan il-post huwa ta €20,808 b'żidiet fis-sena ta' €641 sa' massimu ta' €24,652.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra tal-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tliett ismijiet u indirizzi ta' *referees* lid:

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani

Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi
L-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 3 ta' April 2009.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies.

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Construction Supervising Architect
Project: ERDF 017

The University of Malta needs to recruit a Construction Supervising Architect on a full-time, fixed term contract of three years. The work involved is primarily to oversee the implementation of an ERDF -funded Project. (Ref. ERDF 017)

2. The applicant must have a warrant to practise as an Architect and Civil Engineer.

The University of Malta is an Equal Opportunity employer.

3. The salary attached to the post is €20,808 rising by annual increments of €641 up to a maximum of €24,652.


4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae one set of copies and three names and addresses of three referees:

Director for Human Resources Management and Development
Room 214, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Friday, 3rd April 2009.

Late applications will not be considered

5. Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Room 214, Administration Building or on the website: http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies.



Il-Kunsill Lokali mhux marbut li jaċċetta l-aktar offerta vantaġġuża jew kull offerta li jirċievi.

Is-27 ta' Marzu, 2009

BIRGU LOCAL COUNCIL

The Birgu Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the appropriate tender box up to noon of Friday, 17th April 2009, for:-

Advt. No. AL 02/09. Legal service of an advocate for the Local Council.

A fee of €25 is to be paid for each tender document.

Advt. No. RM 03/09. Upkeep and maintenance of access only and pedestrain streets.

Tenders will be opened in public immediately after the closing time and no other tender will be accepted after the stipulated time.

Further details and tender documents may be obtained from the Administrative Offices of the Birgu Local Council

The Local Council is not bound to accept the most advantegeous or any tender received.

27th March, 2009

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

464

B'digriet mogħti fit-13 ta' Novembru 2008, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 89/08 JA, fl-ismijiet Muftah Youssef Saad et pro et noe vs Salini Emad et, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Emad Salini, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet Youssef Saad Muftah u Mariella Muscat u l-istess Mariella Muscat bħala kuratriċi ad litem ta' binha minuri Othman vs 1. Emad Salini 2. Direttur tar-Reġistru Pubbliku, fl-4 ta' Marzu 2008, ir-rikorrenti Mariella Muscat ID 75082M u Youssef Saad Muftah ID 34690A, talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1.Tiddikjara li t-tifel bl-isem ta' Othman, li twieled mill-attriċi Mariella Muscat, fis-16 ta' Lulju 2003, mhux iben il-konvenut kif jidher iddikjarat fl-att tat-Twelid Numru 3096.

2. Tiddikjara li l-attur Youssef Saad Muftah huwa l-missier naturali tal-minuri Othman u tordna l-korrezzjonijiet tal-att tat-twelid f'dan is-sens.

3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha neċessarji u opportuni fl-Att tat-Twelid tal-imsemmi Othman li jġib in-numru ta' Iskrizzjoni 3096… omissis… u minflok jidħlu d-dettalji tal-attur Youssef Saad Muftah.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuti inġunti minn issa għas-subizzjoni.

Lista ta' xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Rikorrenti: 66, Triq Annibale Preca, Lija.

Intimat: 49, Azzopardi Street, Marsa.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 89/2008 JA, fl-ismijiet Muftah Youssef Saad et pro et noe vs Salini Emad et, jinsab differit għas-27 ta' Marzu 2009, fid-9.45 a.m., għan-notifika tal-konvenut.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 23 ta' Marzu 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur,Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 13th November 2008, in the records of the Sworn Application number 89/08 JA, in the names Muftah Youssef Saad et pro et noe vs Salini Emad et, the Civil Court (Family Section) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Emad Salini, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the Civil Court (Family Section) in the names Youssef Saad Muftah and Mariella Muscat and the same Mariella Muscat as curator ad litem of her minor son Othman vs 1. Emad Salini, 2. Director Public Registry, on the 4th March 2008, the applicant Mariella Muscat ID 75082M, and Youssef Saad Muftah ID 34690A, asked this Honourable Court;

1. To declare that the boy with the name Othman born of the applicant Mariella Muscat, on the 16th July 2003, is not the son of the defendant as appears declared in the act of Birth Number 3096.

2. Declare that the applicant Youssef Saad Muftah is the natural father of the minor Othman and order the corrections in the act of birth in this sense.

3. To order the Director Public Registry to carry out the all the necessary and opportune corrections in the Act of Birth of the said Othman which bears the Registration number 3096 ….omissis… and instead insert the details of the applicant Youssef Saad Muftah.

With costs, against the defendants, from now summoned so that reference to their evidence be made.

List of witnesses.

List of Documents.

Applicant: 66, Annibale Preca Street, Lija.

Respondent: 49, Azzopardi Street, Marsa.

The Sworn Application Number 89/2008 JA, in the names Muftah Youssef Saad et pro et noe vs Salini Emad et, has been put off to the 27th March 2009, at 9.45 a.m., in order that the defendant be notified.

Registry of the Civil Court (Family Section) today 23rd March 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

465

BILLI CATHERINE mart it-tabib HUMBERT GRECH, Ipprezentat Rikors (ċitazzjoni) Numru: 15/2009 (PC) fl-ismijiet "Catherine Grech nomine -versus – Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex" fejn talbet il-korrezzjoni tal-ATT TAT-TWELID Numru (128/1968) ta' Paul Vincent Grech .

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax il-ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja hawn imsemmija bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri.

Illum 23 ta' Marzu, 2009.

FRANCIS ATTARD
Deputat Reġistratur

WHEREAS CATHERINE wife of Dr HUMBERT GRECH, filed (Application) writ of summons No. 15/2009 (PC) in the names "Catherine Grech nomine - versus Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex" demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH (No: 128/1968) of Paul Vincent Grech.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified, by the service of a copy of the said writ-of-summons, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

Registy of the Courts of Magistrates (Gozo) Superior Matter.

This 23rd March, 2009.

FRANCIS ATTARD
Deputy Registrar

466

B'digriet tas-7 ta' Jannar 2009, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet tal-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti, fis-7 ta' Jannar 2009, fuq talba tal-Avukat Dott. Peter Fenech noe, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti soċjetà esportatriċi MUI LIM Trading Company u lill-kunsinjatarju Al Mnahel, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 3/09 RCP, fl-ismijiet Dott. Peter Fenech noe vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Avv. Peter Fenech bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Nokia Corporation, vs Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti soċjetà esportatriċi MUI LIM Trading Company u lill-kunsinjatarju Al Mnahel, fil-5 ta' Jannar 2009, l-Avv. Dott. Peter Fenech nomine, talab lil din l-Onorabbli Qorti:

By means of a decree of the 7th January 2009, the First Hall Civil Court, ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court, on the 7th January 2009, following a request of Advocate Dr Peter Fenech noe, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the absent exporting company MUI LIM Trading Company and the consegnatary Al Mnahel, in the records of the Sworn Application number 3/09 RCP, in the names Dr Peter Fenech noe vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Advocate Peter Fenech as special mandatary of the foreign company Nokia Corporation vs Deputy Curators to represent the absent exporting company MUI LIM Trading Company and the consegnatory AL Mnahel, on the 5th January 2009, Advocate Dr Peter Fenech nomine, asked this Honourable Court:

1. Tiddikjara l-oġġetti konsistenti f'mitejn tmienja u sittin elf sitt mija u ħamsin (268,650) aċċessorji tal-mobile phones imsemmija li fuqhom hemm il-marka 'Nokia' u li preżentement jinsabu taħt l-Awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx taż-żewġ-containers bin-numri IRSU 4825341 u IRSU 4829270 kontenenti l-imsemmija aċċessorji tal-mobile phones, ...omissis... huma kontrafatti.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali aċċessorji tal-mobile phones l'hinn mill-kanali tal-Kummerċ, b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lir-rikorrenti jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana, li jiddistruġġi dawk l-aċċessorji tal-mobile phones, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lil u a spejjeż tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati għandhom ibatu l-ispejjeż kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni talba u t-tielet talba tar-rikorrenti ...omissis...

Bl-ipejjeż, kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Lista ta' xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Notifika: Rikorrenti: 35-36, Archbishop Street, Valletta.
Kuraturi Deputati, il-Qorti, Valletta.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidhol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor.Geoffrey Valenzia, LL.D.

Illum 7 ta' Jannar, 2009.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta'Marzu,2009.

AVV DOTT FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. To declare that the objects consisting in two hundred sixty eight, six hundred and fifty mobile phone accessories on which there is the mark 'Nokia' and which presently are under the Authority of the Comptroller of Customs after he had suspended the release of two containers with numbers IRSU 4825341 AND irsu 4829270 containing the said mobile phones accessories are counterfeit.

2. To order the Comptroller of Customs to dispose from the said mobile phone accessories outside the Chanels of Commerce in such a manner as to preclude any damage to the applicant or to order the comptroller of Customs to destroy those mobile phone accesories, in any case without any compensation to and at the expenses of the defandant.

3. To order that the respondents are to bear all the costs of the measures ordered in terms of the second and third demand of the applicants...omissis...

With costs, against the respondents from now summoned so that a reference to their evidence be made.

List of witnesses.

List of Documents.

Notify: Applicant: 35-36, Archbishop Street, Valletta.
Deputy Curators, Courts of Justice, Valletta.

Your are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr Justice Geoffrey Valenzia, LL.D.

Today 7th January 2009.

Registry of the Superior Courts, today 24th March 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

467

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-25 ta' Frar 2009, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fit-30 ta' April 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Mark Chetcuti ta' House of Grace, Level 0, Golden Point, Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,375.73 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (386/08RFA) hija differita għat-3 ta' April 2009 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 25 ta' Marzu 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 25th February 2009, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 30th April 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Mark Chetcuti of House of Grace, Level 0, Golden Point, Triq Manwel Dimech, Sliema, to pay the plaintiff company the sum of €1,375.73 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 368/08RFA) is put off on the 3rd April 2009 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th March 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

468

B'digriet mogħti fl-4 ta' Frar 2009 u digriet ieħor tad-19 ta' Diċembru 2008 fl-atti tal-Avviż numru 483/02 SM fl-ismijiet L-Avukat Antoine Naudi nomine vs John Abela Limited et, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta John Abela Limited, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) Avviż numru 483/2002 SM, fl-ismijiet L-Avukat Antoine Naudi fil-kwalità tiegħu bħala mandatarju speċjali tad-Ditta estera Elaflex Italia S.r.L. vs John Abela Limited u b'digriet tad-29 ta' April tas-sena 2005, ġew kjamati in kawża Petroleum Services p.l.c., B.O.V. p.l.c. u Maltapost p.l.c. fis-27 ta' Ottubru 2008, is-soċjetà kjamata in kawża Maltapost p.l.c. esponiet bir-rispett:

Illi permezz ta' Avviż l-attur nomine talab lill-Onorabbli Qorti sabiex tikkundanna lill John Abela Ltd tħallas lis-soċjetà attriċi estera s-somma ta' €9,381.99 rappreżentanti danni li soffriet is-soċjetà estera attriċi unikament minħabba n-negliġenza in-nuqqas ta' diliġenza u ta' esekuzzjoni ta' inkarigu li kien ġie mogħti lilkom mis-soċjetà estera attriċi;

Bl-ispejjeż.

Illi l-konvenut John Abela Ltd eċċepixxa ili ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur ….omissis…

By a decree given on the 4th February 2009 and another decree of the 19th December 2008, in the records of the Notice number 483/02 SM, in the names Advocate Antoine Naudi nomine vs John Abela Limited et, the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction) ordered the following publication for the purpose of service of the defendant company John Abela Limited, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction) Notice number 483/2002 SM, in the names Advocate Antoine Naudi in his capacity of special mandatary of the foreign Firm Elaflex Italia S.r. L. vs John Abela Limited and by decree of the 29th April 2005, Petroleum Services p.l.c., B.O.V.p.l.c. and Maltapost p.l.c. on the 27th October 2008, the company Maltacom p.l.c. called into the cause, pleaded with respect:

That by means of a Notice the plaintiff nomine, asked this Honourable Court to condemn John Abela Ltd to pay the foreign plaintiff company, the sum of €9,381.99 representing damages, that the foreign plaintiff company suffered solely due to negligence, lack of diligence and of execution of an appointment, which had been given to them by the foreign plaintiff company;

With costs.

That the defendant John Abela Ltd, pleaded that there is no juridical relationship with the plaintiff…omissis…

Illi l-esponenti qatt ma aċċetta xi inkarigu mingħand l-attur.

…omissis…

Illi l-persuni responsabbli għan-nuqqas ta' diliġenza u ta' eżekuzzjoni huma l-Petroleum Services p.l.c. kif ukoll il-Bank of Valletta p.l.c. u l-Maltapost p.l.c. li l-esponenti jitlob bir-rispett li għandhom jiġu kjamati in kawża u jirrispondu għall-azzjonijiet tagħhom.

Illi l-Bank of Valletta p.l.c. eċċepiet.

….omissis…

Illi s-soċjetà kjamata in kawża Maltapost p.l.c. eċċepiet.

…omissis…

Illi s-soċjetà kjamata in kawża Petroleum Services Limited p.l.c. eċċepiet.

Illi bla preġudizzju għas-sueċċepit, l-inkarigu msemmi fiċ-ċitazzjoni ngħata lis-soċjetà konvenuta John Abela Limited u għalhekk hija l-imsemmija soċjetà konvenuta John Abela Limited li hija responsabbli;

Illi dejjem mingħajr preġudizzju, l-eċċipjenti ma kkawżat ebda danni lis-soċjetà attriċi u għaldaqstant it-talbiet attriċi kontra l-eċċipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi ingħatat sentenża minn din l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Ottubru 2008, li permezz tagħha l-Qorti kkundannat is-soċjetà appellanti tħallas lill-attur nomine l-Avukat Antoine Naudi bħala mandatarju speċjali tad-Ditta estera Elaflex Italia S.r.L. l-ammont ta' (€9,381.99)

Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra il-kjamat in kawża, bl-eċċezzjoni ta' dawk relattivi għall-appell ġa deċiża minn dik il-Qorti.

…omissis…

Illi s-soċjetà appellanti ħasset ruħha aggravata kemm mis-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2008, kif ukoll mid-Digriet tad-29 ta' April 2005, li bih ġiet kkjamata in kawża is-soċjetà esponenti, u kif ukoll mid-Digriet li ingħata wara s-sentenza u cioè id-Digriet tal-15 ta' Ottubru 2008 u għalhekk qiegħda tinterponi umli appell minnhom quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Il-fatti in breve.

That the applicant never accepted any appointment from the plaintiff.

……omissis…

That the persons responsible for the lack of diligence and execution are Petroleum Services p.l.c. as well as the Bank of Valletta p.l.c. and Maltapost p.l.c. which the applicant prays with respect should be called into the cause and reply for their actions.

That the Bank of Valletta p.l.c. pleaded.

…omissis…

That the company called into the cause Maltacom p.l.c. pleaded.

…omissis…

That the company called into the cause Petroleum Services Limited p.l.c. pleaded.

That without prejudice to the above, the appointment mentioned in the writ of summons was givcn to the defendant company John Abela Limited and thus it is the said defendant company John Abela Limited, which is responsible;

That always without prejudice, the interpellant, caused no damages to the plaintiff company and thus the plaintiff's demands against the interpellants are unfounded in fact and at law.

That a judgement was given by the Honourable Court of Magistrates on the 7th October 2008, by means of which this Court condemned the appellant company to pay the plaintiff nomine Advocate Antoine Naudi as special mandatary of the foreign Firm Elaflex Italia S.r.L. the amount of (€9,381.99).

With costs of this procedure against the party called into the cause, with the exception of those relative to the appeal already decided by that Court.

…omissis…

That the appellant company, felt aggrieved both by the judgement of the 7th October 2008, as well as the Decree of the 29th April 2005, by which the applicant company was called into the cause, as well as the Decree which was given after the judgement and the Decree of the 15th October 2008 and is thus humbly filing an appeal before this Honourable Court.

The facts in brief.

Ili s-soċjetà konvenuta John Abela Limited ingħatat struzzjonijiet mingħand l-attur nomine fis-sens illi fis-27 ta' Awissu 2001, s-soċjetà attriċi tramite l-impjegata tagħha Raffaela Berardi bagħtet fax, fejn kien ġie speċifikament indikat f'dan il-fax li s-soċjetà konvenuta John Abela Ltd, kellha tiġbor mill-port fuq bażi ta' ex-works, il-merce indikata fuq il-bolla numru 1269… …omissis

Illi fl-ebda ħin u fl-ebda mument qatt ma kien hemm xi relazzjoni diretta bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà esponenti; Maltapost plc qatt ma ngħatat ebda struzzjonijiet mis-soċjetà attriċi u Maltapost qatt ma aċċettat li twettaq xi inkarigu għas-soċjetà attriċi.

Illi jingħad ukoll li fl-ebda ħin u fl-ebda mument ma kien hemm xi relazzjoni diretta bejn is-soċjetà konvenuta John Abela Ltd u s-soċjetà esponenti.

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

A)Nuqqas ta' relazzjoni ġuridika fil-konfront tas-soċjetà kjamata in kawża appellanti Maltapost p.l.c.

Illi kemm mit-talba tiegħu u anki minn dak li dejjem enfasizza l-attur nomine stess matul l-proċeduri ta' din il-kawża, qatt ma kien hemm xi relazzjoni ġuridika bejn l-attur nomine u s-soċjetà esponenti.

…omissis…

Illi għalhekk fl-ewwel lok l-Ewwel Qorti qatt ma messha kjamat in kawża parti li ma kellha x'taqsam xejn f'kawża intavolata għad-danni naxxenti minn ksur ta' mandat.

…omissis…

Illi nonstante dan kollu l-Ewwel Qorti injorat il-prinċipju tar-relazzjoni ġuridika fis-sens li injorat kompletament t-talba li kellha quddiemha kif dedotta fl-Avviż tal-attur nomine …omissis...

b) L-Ewwel Qorti għamlet evalwazzjoni skorretta tal-fatti.

Fir-riassunt tal-fatti l-Ewwel Qorti tevita għal-kollox il-fatt illi s-soċjetà konvenuta John Abela Ltd kienet obbligata bil-mandat li kellha li tirrilaxxja l-merkanzija Petroleum Services plc biss wara li tottjeni pagament permezz ta' swift transfer bankarju.

…omissis…

That the defendant company John Abela Limited was given instructions by the plaintiff nomine in the sense that on the 27th August 2001, the plaintiff company through its employee Raffaela Berardi, sent a fax, whereby it was specifically indicated in this fax, that the defendant company John Abela Ltd, had to collect from the port on the basis of ex-works, the merchandise indicated on batch number 1269 …omissis…

That at no time and moment was there any direct relationship between the plaintiff company and the interpellant company, Maltapost plc was never given any instructions by the plaintiff company and Maltapost p.l.c. never accepted to carry out any appointment on behalf of the plaintiff company.

That it is also stated that at no time and moment was there any direct relationship between the defendant company John Abela Ltd and the interpellant company.

That the grievances are clear and manifest and consist in the following;

A)Lack of juridical relationship towards the appellant company called into the cause Maltapost p.l.c.

That both from the demand and from that emphasized by the plaintiff nomine, himself during the procedures of this cause, there was never any juridical relationship between the plaintiff nomine and the interpellant company.

…omissis…

That thus in the first place that Honourable Court should have never called into the cause a party which was in no manner involved in a cause for damages resulting from the violation of a mandate.

….omissis…

That notwithstanding all this the Court of First Instance, ignored the principle of the juridical relationship in the sense that it ignored completely the demand it had before if as brought forward in the Notice of the plaintiff nomine… omissis…

b) The Court of First Instance made a wrong evaluation of the facts.

In the summary of the facts the Court of First Instance, avoids altogether the fact that the defendant company John Abela Ltd, was bound by the mandate that it had to release the merchandise Petroleum Services Ltd, only after obtaining payment by means of a swift bank transfer.

…omissis…

Kien a bażi ta' dawn l-konsiderazzjoniet li s-soċjetà esponenti tissottometti li huma konsiderazzjonijiet żbaljati illi l-Ewwel Qorti waslet għad-deċide li s-soċjetà esponenti tidher li effettwat konsenja difettuża u għandha leġittimament issofri l-konsegwenzi …omissis…

c) Nuqqas ta' prova li s-soċjetà esponenti appellanti kkawżat d-danni sofferti mis-soċjetà attriċi.

Illi s-soċjetà esponenti tagħmel riferenza għall-Artikoli tal-Kap. 16 b'riferenza partikolari għall-artikoli 1031 u 1032 tal-istess Kap;

…omissis…

Illi kif jirriżulta mill-atti processwali u mill-provi mressqin ma rriżulta fl-ebda mument illi s-soċjetà esponenti naqset minn xi obbligu, kienet negligenti jew ma osservatx xi liġi jew regolament li kienet obbligata tosserva.

…omissis…

Illi minn analiżi tal-proċess wieħed ma jistax ma jindunax illi ma kienx hemm l-iċken prova fil-konfront tas-soċjetà esponenti li din ma wettqitx dmirijietha jew li aggixxiet b'mod negliġenti. A kuntrarju ta' dan jingħad illi mid-dokumenti esebiti fil-process jirriżulta li s-soċjetà fil-fatt pprovdiet s-servizz li kellha tipprovdi u saħansitra l-ittra reġistrata telqet fuq it-titjira lejn Ruma, ...omissis…

Illi għalhekk wieħed ma jistax jinżamm responsabbli għal danni mingħajr ma jkun hemm provi ċari li juru li kien hemm xi nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb tal-bonus paterfamilias. Kif jirrizulta mill-provi li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti ma kien hemm l-ebda ness ta' kawżalità bejn id-dannu soffert mis-soċjetà attriċi u xi att jew ommissjoni minn naħa tas-soċjetà esponenti.

D) Il-kundizzjonijiet naxxenti mill-kuntratt tas-servizz postali.

Illi mingħajr ebda pregudizzju għal dak digà sottomess u cioe' illi ma jirrizulta minn imkien li s-soċjetà esponenti kienet negliġenti fl-aġir tagħha u bħala riżultat kkawżat xi danni lill-attur nomine u wisq anqas lill-ebda waħda mill-partijiet f'din il-kawża u dan għar-raġuni li rajna fl-aggravji l-oħra f'dan l-Appell, is-soċjetà esponenti, kif għamlet quddiem l-Ewwel Qorti, hawnhekk quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell terġa tagħmel riferenza għall-liġijiet ta' Malta b'mod specifiku għall-Att Dwar is-Servizzi Postali Kap. 254 li hija l-Liġi li tirregola s-servizz tal-Posta fejn huwa stipulat b'mod univoku li ma jgħati lok għal interpretazzjoni fl-Artikolu 29 illi :

It was on the basis of these considerations that the interpellant company submits that they are wrong considerations that the Court of First Instance arrived at the decision that the interpellant company, appears to have carried out a defective delivery and should bear the consequences….omissis…

c) Lack of proof that the interpellant applicant company, caused damages suffered by the plaintiff company.

That the interpellant company, refers to the Articles of Cap. 16 with particular reference to articles 1031 and 1032 of the same Chapter;

…omissis…

That as results from the records of the cause and the proof brought forward at no moment does it result that the interpellant company, failed in any obligation , was negligent or did not observe any law or regulation it was bound to observe.

…omissis…

That from an analysis of the records of the cause one cannot but note that there was not the slightest proof against the interpellant company that it did not carry out its duties or that it acted negligently. On the contrary it is to be stated that from the documents exhibited in the proceedings it results that the company infact provided a service which it had to provide and even a registered letter was sent on a flight to Rome….omissis…

That thus one cannot be held responsible for damages without any clear proof which shows that there was any lack of diligence or lack of thought of a bonus paterfamilias. As results from the proof brought before the Court of First Instance there was no nexus of causality between the damages suffered by the plaintiff company or any act or omission by the interpellant company.

D) The conditions resulting from the contract of postal service.

That without any prejudice to that already submitted and namely that from nowhere it results that the interpellant company was negligent in its action and as a result caused any damages to the plaintiff nomine and furthermore no one of the parties in this cause and this for the reasons that we saw in the other grievances in this Appeal, the interpellant company, as it did before the Court of First Instance, refers before this Honourable Court of Appeal, to the laws of Malta and specifically to the Act regarding the Postal Services Cap. 254 which is a Law which regulates the Postal service where it is stipulated unequivocally and does not give rise to any interpretation in Article 29 that;

L-operatur postali m'għandu jinkombi ebda resposabbiltà għal kumpens minħabba f'xi telf, nuqqas ta' konsenja, ...omissis…

Illi mkien mis-sentenza tal-Ewwel Qorti ma jingħad kif s-soċjetà esponenti naqset mill-obbligi legali tagħha ħlief bil-premessa illi 'tidher li effettwat konsenja difettuża'. Il-konsenja tal-ittri saret lill-Awtorità Postali Taljana u f' dan il-fatt la kien hemm negligenza u wisq anqas malafidi kif rikjest mill-Liġi.

F'kull każ anki kieku hemm tali negliġenza, l-ammont ta' Danni huwa limitat bl-istess Konvenzjoni Internazzjonali li hija maqbula mill-membri tal-Universal Postal Union, li hija aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti, liema konvenzjoni hija ffirmata mill-Istat Malti, flimkien ma' 190 stat membru ieħor …omissis…

Illi dejjem mingħajr pregudizzju s-soċjetà esponenti provdiet servizz li huwa regolat separatament mir-relazzjoni ġuridika bejn l-attur u l-konvenut. Għal dan is-servizz j applikaw biss ir-regolamenti applikabbli għalih.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet suesposti kif ukoll għal dawk li jiġu sottomessi waqt it-trattazzjoni tal-Appell, is-soċjetà esponenti titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex tirrevoka;

1. id-digriet tad-29 ta' April 2005 li bih ġiet kjamata in kawża s-soċjetà esponenti;

2. is-sentenzi mogħtija fl-ismijiet l-Avukat Antoine Naudi fil-kwalità tiegħu bħala mandatarju speċjali tad-Ditta estera Elaflex Italia S.r.L.vs John Abela Limited u b' digriet tad-29 ta' April tas-sena 2005, ġew kjamati in kawża; Petroleum Services p.l.c. Bank of Valletta p.l.c. u Maltapost p.l.c. fis-sens li tiċħad it-talbiet tal-attur nomine fil-konfront tas-soċjetà esponenti u tilqa' l-eċċeżżjonijiet tas-soċjetà esponenti;

3. id-digriet tal-15 ta' Ottubru 2008, fejn is-soċjetà esponenti ġiet kkundannata tħallas l-imgħaxijiet mid-data tan-notifika tal-kjamata in kawża;

B'dan li tiċħad t-talbiet attriċi;

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur nomine appellat.

Permezz ta' rikors ieħor ippreżentat fil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-atti tal-Avviż hawn fuq imsemmija Avviż Numru 483/02 SM, Avukat Antoine Naudi nomine vs John Abela Limited et, fis-17 ta' Diċembru 2008, is-soċjetà appellanti kjamata in kawża Maltapost plc, esponiet bir-rispett;

That the postal operator should suffer no responsibility for compensation due to any loss, lack of delivery, …omissis…

That from nowhere from the judgement of the Court of First Instance, is it stated how the interpellant company failed from its legal obligations except from the premise 'that it carried out a defective delivery'. The delivery of the letters was made to the Italian Postal Authority and in this fact there was no negligence and furthermore any bad faith as required by Law.

In any case, even if there was such negligence, the amount of damages was limited by the same International Convention which is agreed by the members of the Universal Postal Union, which is a United Nations Agency, which convention is signed by the Maltese State, together with another 190 member states…….omissis…

That always without prejudice the interpellant company, provided a service which is separately regulated by a juridical relationship between the plaintiff and defendant. For this service there apply only the regulations applicable to it.

Thus and for the reasons above exposed as well as those submitted during the Appeal pleadings, the interpellant company humbly prays this Honourable Court of Appeal to revoke;

1.the decree of the 29th April 2005, in virtue of which the interpellant company was called into the cause;

2. the judgements given in the names Advocate Antoine Naudi in his capacity as special mandatary of the foreign Firm Elaflex Italia S.r.L. vs John Abela Limited and by decree of the 29th April of the year 2005, Petroleum Services p.l.c. Bank of Valletta p.l.c. and Maltacom p.l.c. were called into the cause in the sense that the demands of the plaintiff nomine against the interpellant company were rejected and upheld the pleas of the interpellant company.

3. the decree of 15th October 2008, whereby the interpellant company was condemned to pay interests from the date of service of the third party called into the cause.

By rejecting the plaintiff's demands;

With costs of both instances against the respondent plaintiff nomine.

By means of another application filed in the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction) in the records of the Notice above mentioned Notice Number 483/02 SM, Advocate Antoine Naudi nomine vs John Abela Limited et, on the 17th December 2008, the appellant company called into the cause Maltapost p.l.c.pleaded with respect:

Illi s-soċjetà esponenti tagħmel referenza għar-rikors tal-Appell li ġie ntavolat quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi.

Illi s-soċjetà esponenti tagħmel riferenza ukoll għall-eċċeżżjonijiet solevati minnha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati liema eċċezzjonijiet ġew solevati u magħmulin a bażi tat-talba tal-attur nomine …omissis…

Illi mingħajr preġudizzju għal dawn l-eċċeżżjonijiet u għall aggravji fir-rikors tal-Appell is-soċjetà esponenti fid-dawl tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti, f' dan l-istadju tixtieq tissolleva eċċezzjoni ulterjuri u cioe' illi l-azzjoni tal-attur nomine fil-konfront tas-soċjetà esponenti hija preskritta u dan ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant s-soċjetà esponenti tagħmel riferenza għall-Artikolu 2122 tal-Kodiċi Ċivili u umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizzaha tressaq nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri sabiex tissolleva l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili u dan taħt kull provvediment ieħor li jidrilha xierqa u opportuni.

Soċjetà Appellanti: Maltacom p.l.c. 303, Qormi Road, Marsa, MTP 1001.

Notifika: 1…omissis…

2. John Abela Limited, 321, Mdina Road, Qormi.

3…omissis…

4…omissis…

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli Inferjuri) illum 24 ta' Marzu 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That the interpellant company refers to the Appeal Application which was filed before this Honourable Court in the names premised.

That the interpellant company refers also to the pleas raised by it before the Court of Magistrates which pleas were raised and made on the basis of the demand of the plaintiff nomine …omissis…

That without prejudice to these pleas and the grievances in the application of Appeal, the interpellant company in the light of the judgement given by the Court of First Instance, at this stage wishes to raise the further plea and namely that the action of the plaintiff nomine against the interpellant company is prescribed and this in terms of Article 2153 of the Civil Code Cap. 16 of the Laws of Malta;

Thus the interpellant company refers to Article 2122 of the Civil Code and humbly prays that this Honourable Court authorize it to bring forward a further note of pleas in order to raise prescription in terms of Article 2153 of the Civil Code and this under any other provision it deems fit and opportune.

Appellant company: Maltacom p.l.c. 303, Qormi Road, Marsa, MTP 1001.

Service.1…omissis…

2. John Abela Limited, 321, Mdina Road, Qormi.

3.… omissis…

4…omissis…

Registry of the Superior Courts (Inferior Appeals) today 24th March 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

469

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fis-17 ta' Marzu, 2009 fuq rikors ta' COPPINI RAY NOE (KI 4053M) ġie ffissat il-jum tal-Ġimgħa, 24 ta' April, 2009 fl-10.00 a.m. għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f' WINDSOR HOTEL, WINDSOR TERRACE, SLIEMA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand AZZOPARDI RONALD ET (KI 700661M).

Fridges, gwardarobbi, side lamps, single beds, lampi u ħafna affarijiet oħra

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 24 ta' Marzu, 2009.

MICHAEL PORTELLI BA (HONS), MA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 17th March, 2009 on the application of COPPINI RAY NOE (ID 4053M), Friday, 24th April, 2009 at 10.00 a.m., has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at WINDSOR HOTEL, WINDSOR TERRACE, SLIEMA of the following items seized from the property of AZZOPARDI RONALD ET (ID 700661M).

Fridges, wardrobes, side lamps, single beds, lamps and many other items

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 24th March 2009.

MICHAEL PORTELLI BA (HONS), MA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

470

B'digriet tas-17 ta' Novembru 2008, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet tal-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti, fis-17 ta' Novembru 2008, fuq talba tal-Avukat Dott. Peter Fenech noe, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil-assenti soċjetà esportatriċi Guangzhou Al-Barakah Freight Company Limited u lill-kunsinjatarju Tasharokiat Almanahel, fl-atti tar-Rikora Ġuramentat numru 1139/08 RCP, fl-ismijiet Dottor Peter Fenech noe vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Avv. Peter Fenech bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Nokia Corporation, vs Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti soċjetà espotatriċi Guangzhou Al-Barakah Freight Co. Ltd u lill-kunsinjatarju Tasharokiat Almanahel, fis-17 ta' Novembru 2008, l-Avv. Dott. Peter Fenech nomine, talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1.Tiddikjara l-oġġetti konsistenti f'sebgħa u erbgħin elf u sebgħa mija u ħamsin (47,750) aċċessorji tal-mobile phones imsemmija li fuqhom hemm l-marka 'Nokia' u li preżentement jinsabu taħt l-Awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container bin-numru CLHU 8672019 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-mobile phones,...omissis.. huma kontrafatti.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali accessorji tal-mobile phones 'hinn mill-kanali tal-Kummerċ, b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lir-rikorrenti jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-aċċessorji tal-mobile phones, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lil u a spejjeż tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati għandhom ibatu l-ispejjeż kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni talba tar-rikorrenti ...omissis...

Bl-ipejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Lista ta' xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

By means of a decree of the 17th November 2008, the First Hall Civil Court, ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court, on the 17th November 2008, following a request of Advocate Dr Peter Fenech noe, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the absent exporting company Guangzhou Al-Barakah Freight Company Limited and the consegnatary Tasharokiat Almanahel, on the 17th November 2008, Advocate Dr Peter Fenech noe, asked this Honourable Court:

1. To declare that the objects consisting in three hundred forty seven thousand seven hundred and fifty (347,750) mobile phone accessoriues mentioned on which there is the mark 'Nokia' and which presently are under the Authority of the Comptroller of Customs after he had suspended the release of the container with number CLHU 8672019 containing the said mobile phones accessories are counterfeit.

1. Declares that the objects consisting of fourty seven thousand and seven hundred and fifty accessories of the mentioned mobile phones on which there is the label 'Nokia' and which presently are held under the authority of the Comptroller of Customs after suspending the release of the container CLHU 8672019 containing the said accessories for mobile phones,...omissis...are counterfeits.

2. To order the Comptroller of Customs to dispose from the said mobile phone accessories outside the Chanels of Commerce in such a manner as to preclude any damage to the applicant or orders the Comptroller of Customs to destroy the accessories for mobile phones, in any case without any compensation to and the costs to be borne by the defendant.

3. To order that the respondents are to bear all the costs of the measures ordered in terms of the second demand of the applicants...omissis...

With costs, against the respondents from now summoned so that a reference to their evidence be made.

List of witnesses.

List of Documents.

Notifika: Rikorrenti: 35-36, Archbishop Street, Valletta.
Kuraturi Deputati, il-Qorti, Valletta.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo, LL.D.

Illum 17 ta' Novembru,2008.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta'Marzu,2009.

AVV DOTT FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notify: Applicant: 35-36, Archbishop Street, Valletta.
Deputy Curators, Courts of Justice, Valletta.

Your are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr Justice Giannino Caruana Demajo, LL.D.

Today 17th November 2008.

Registry of the Superior Courts, today 24th March 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

471

AVVIŻ MIR-REĠISTRU QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrenti Sandra Zammit (K.I. Nru. 166982M) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 58/09 AF) fejn talbet il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID tal-minuri Caiden Founi Zammit li jġib in-numru 4195/2008 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 25 ta' Marzu 2009

GRAZIELLA ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE BY THE REGISTRY OF THE CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Sandra Zammit (ID No. 166982M) filed an application under oath (No. 58/09 AF) demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH of the minor child Caiden Founi Zammit number 4195/2008 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 25th of March 2009

GRAZIELLA ATTARD
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

472

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Frar 2009 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1379/08, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Eugenio Lama, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Eugenio Lama (ID382184M) ta' 4, Jane, Xatt il-Palm, Baħar iċ-Ċagħaq, fil-4 ta' April 2008, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ta' Centre Point Building, Triq ta' Paris, Birkirkara, jinterpellak ai termini ta' l-Artiklu 48 tal-Att XII tal-1994 sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallsu s-somma ta' €2,491.61 rappreżentanti ammont dovut minnek bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

